# Il-Beatu Ġorġ Preca u l-Midalja Mirakoluża

***Jikteb il-Kan. Dun Karm Borg***



**F'bijografija** qasira ta' Dun Ġorġ li kienet ħarġet fis-sena 1980 b'tifkira ta' għeluq il-mitt sena minn twelidu, inkiteb li "Dun Ġorġ jibqa' mfakkar għad-devozzjoni kbira li kellu lejn il-Madonna tal-Karmnu u lejn il-Midalja Mirakoluża" (Dun Ġorġ 1880-1962, p.29)

Fil-programm tal-festa ppubblikat mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tas-sena li għaddiet (2001), kont ktibt xi ħaġa fil-qosor dwar id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn il-Madonna tal-Karmnu u l-Labtu tagħha. Għalhekk ħsibt li għal din is-sena inkompli fuq dak li ktibt is-sena l-oħra u ngħid xi ħaġa dwar id-devozzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca lejn il-Midalja Mirakoluża, devozzjoni li xerridha mhux biss fil-Ħamrun fejn kien igħix għal ħafna snin imma ma' kull rokna ta' dawn il-gżejjer.

Forsi tajjeb li qabel nitkellmu dwar din id-devozzjoni tal-Beatu Dun Ġorġ Preca, ngħid xi ħaġa dwar il-Midalja nfisha. Mudell jew xbieha tal-Midalja Mirakoluża kienet ġiet rivelata mill-Verġni Marija fil-viżjoni tagħha lil Santa Katerina Laboure', soru tal-Karita' ta' San Vinċenz de Paule fis-27 ta' Novembru, 1830. Din il-Midalja turi lill-Madonna wieqfa fuq il-globu tad-dinja tgħaffeġ ras is-serpent (Gen. 3.15), b'raġġi ta' dawl simbolu tal-grazzji, ħerġin mill-idejn miftuħa tal-Verġni Mbierka. Miktuba madwarha hemm din it-talba - 'O Marija mnissla mingħajr dnub itlob għalina li nirrikorru lejk'. Fuq in-naħa ta' wara tal-midalja



**Santa Katerina Laboure'**




tidher l-ittra M li minn nofsha għaddejja strixxa min-naħa għall-oħra b'salib fuqha. Taħt jidhru l-Qlub Imqaddsa ta' Ġesu' u ta' Marija, waħda inkurunata bix-xewk u l-oħra minfuda mis-sejf. Tnax-il kewkba jdawru kollox

Waqt li Katerina rat dan ix-xempju semgħet vuċi li qaltilha, *"Agħmel midalja fuq dan il-mudell. Dawk li jilbsuha jirċievu grazzji kbar. Għandhom jilbsuha madwar għonqhom."*

Din id-devozzjoni kienet mhux biss approvata imma ukoll imħeġġa minn diversi Papiet fosthom il-Beatu Piju IX, il-Papa Ljun XIII u San Piju X.

Din tal-Midalja Mirakoluża, nistgħu ngħidu li kienet it-tieni devozzjoni Marjana l-aktar importanti fil-ħajja u fil-pastorali ta' Dun Ġorġ. Kien isejħilha *ir-rigal li tatna Marija mis-sema.* Kien jixtieq li l-Maltin u l-Għawdxin kollha jġibu fuqhom din il-midalja u kien ta' spiss isemmi grazzji kbar li l-Madonna kienet ixxerred lejn id-devoti tagħha permezz ta' din il-midalja.

Dun Ġorġ kellu fidi sħiħa fil-qawwa sopranaturali tal-Midalja Mirakoluża u lil ħafna li kienu jmorru għandu b'xi problema, waqt li kien iqegħdhom taħt il-ħarsien ta' Marija, kien jirrikmandalhom id-devozzjoni tal-Midalja Mirakoluża. Ħafna kienu dawk li wara li libsu din il-midalja, xi drabi mogħtija lilhom u mbierka minn Dun Ġorġ stess, irċevew il-grazzja tal-fejqan tal-ġisem jew tar-ruħ. *(Ara - Alexander Bonnici Ofm Conv. "Dun Ġorġ, Ħajja u Xiehda - Dokumenti", Vol.III p.79-84.)*

Xiehda u monument dejjiemi li jfakkar din id-devozzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca hija ċertament il-kappella annessa mad-Dar Ċentrali tas-Soċjeta' tal-Museum fi Blata l-Bajda, l-Ħamrun. Ftit aktar minn tliet snin wara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tad-Dar Ċentrali, Dun Ġorġ assista għat-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Midalja Mirakoluża nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar 1958. Ma kellux ix-xorti jaraha mitmuma imma dan l-ewwel Beatu Malti, kellu x-xorti jsib il-mistrieħ tiegħu hawn taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża.

F'din il-kappella wieħed isib il-korp tal-Beatu Ġorġ Preca li jinsab midfun fl-urna li hemm wara l-altar, eżattament taħt il-korp tax-xama'. F'dan il-post



**Il-Kappella tal-Midalja Mirakoluża li Dun Ġorġ bena f'tarf il-Ħamrun**

tant għażiż għalina l-Maltin u l-Għawdxin, Dun Ġorġ li f'ħajtu wera tant rispett u devozzjoni lejn il-Papa Vigarju ta' Kristu fuq l-art, fid-9 ta' Mejju 2001, ġie mogħti qima mill-istess Vigarju ta' Kristu, il-Papa Ġwanni Pawlu II, li f'dak l-istess jum iddikjarah uffiċjalment bħala Beatu.

Ixxurtjati tassew huma l-Ħamruniżi li għal snin sħaħ Dun Ġorġ għex magħhom u fuq l-eżempju ta' San Gejtanu ħeġġiġhom fil-qima u fl-imħabba lejn Marija. Ixxurtjati l-Ħamruniżi li Dun Ġorġ baqa' tant qrib tagħhom għad-dell tal-Verġni Mbierka tal-Midalja Mirakoluża.



**Il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Kappella tal-Midalja Mirakoluża fil-Ħamrun, jagħti qima l-korp tal-Beatu Dun Ġorġ Preca**